## TEMP ILLUM

L-OGĦLA: 31˚Ċ
L-INQAS: 22˚Ċ
**Temp** Sabiħ
**Viżibilità** Tajba
**Riħ** Majjistral forza 4 għal 5 li jdur mit-Tramuntana forza 3 u jsir varjabbli forza 2 għal 3 mal-lejl
**Baħar** Ħafif għal moderat

## TEMP GĦADA

L-OGĦLA: 31˚Ċ
L-INQAS: 24˚Ċ
**Temp** Ftit imsaħħab li jsir pjuttost imsaħħab
**Viżibilità** Tajba
**Riħ** Punent il-Lbiċ forza 2 għal 3 li jsir mill-Punent
**Baħar** Ħafif

## SPIŻERIJI MIFTUĦIN ILLUM

Malta u Għawdex
9.00 - 12.00

Chemimart Pharmacy, Valletta
St Gaetan Pharmacy, Ħamrun
Drugshop Dispensary, Ħal Qormi
Collis William St Mark's Pharmacy, Swatar
Regal Pharmacy, L-Imsida
Krypton Chemist, Tal-Ibraġġ
Brown's Pharmacy, Tas-Sliema
Medica Pharmacy, Ħal Balzan
Reeeds Pharmacy, In-Naxxar
Brown's Pharmacy, Il-Mellieħa
St. Monica Pharmacy, Paola
Brown's Pharmacy, Il-Kalkara
Hompesch Pharmacy, Fgura
St. Catherine Pharmacy, Iż-Żejtun
St. Andrew's Pharmacy, Ħal Luqa
Plaza Pharmacy, Ħaż-Żebbuġ
Ideal Pharmacy, Ir-Rabat Malta
Palm Pharmacy, Ir-Rabat Għawdex
Sokkors Pharmacy, Kerċem
Airport Pharmacy, Luqa

## GOZO FERRIES

Ħinijiet tat-tluq

| Departure Mgarr, Gozo | Departure Cirkewwa, Malta |
|---|---|
| 01:30 | 02:15 |
| 03:30 | 04:00 |
| 05:00 | 05:45 |
| 06:00 | 06:45 |
| 06:30 | 07:30 |
| 07:00 | 08:15 |
| 07:30 | 09:00 |
| 08:15 | 09:45 |
| 09:00 | 10:30 |
| 09:45 | 11:15 |
| 10:30 | 12:00 |
| 11:15 | 12:45 |
| 12:00 | 13:30 |
| 12:45 | 14:15 |
| 13:30 | 15:00 |
| 14:15 | 15:45 |
| 15:00 | 16:30 |
| 15:45 | 17:15 |
| 16:30 | 18:00 |
| 17:15 | 18:45 |
| 18:00 | 19:30 |
| 18:45 | 20:15 |
| 19:30 | 21:00 |
| 20:15 | 21:45 |
| 21:00 | 23:05 |
| 22:30 | 00:20 |

www.gozochannel.com

## SUDOKU

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1 | | 4 | | | | 2 | |
| | | | 5 | | | | | |
| | | | | | 2 | 4 | | |
| 3 | | 5 | | | | 8 | | |
| | 6 | 1 | | | | 5 | | |
| 7 | | 2 | | | | | 3 | |
| 8 | 3 | | 1 | | | 9 | 4 | |
| 9 | | 6 | | 8 | | 1 | | 5 |
| | | | | | 6 | | | |

Imla l-kaxxi vojta bin-numri 1 sa 9 f'kull kolonna vertikali u orizzontali kif ukoll f'kull kaxxa 3x3. Is-soluzzjoni tkun ippubblikata nhar il-Ħadd li ġej.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 3 | 1 | 6 | 9 | 2 | 7 | 4 | 5 | 8 |
| 8 | 7 | 4 | 5 | 1 | 3 | 9 | 2 | 6 |
| 2 | 5 | 9 | 6 | 4 | 8 | 3 | 7 | 1 |
| 4 | 3 | 8 | 7 | 5 | 9 | 1 | 6 | 2 |
| 5 | 6 | 1 | 8 | 3 | 2 | 7 | 4 | 9 |
| 9 | 2 | 7 | 1 | 6 | 4 | 8 | 3 | 5 |
| 1 | 4 | 5 | 3 | 8 | 6 | 2 | 9 | 7 |
| 6 | 9 | 3 | 2 | 7 | 1 | 5 | 8 | 4 |
| 7 | 8 | 2 | 4 | 9 | 5 | 6 | 1 | 3 |

**Is-soluzzjoni tal-Ħadd li għadda**

Iċċekkja n-numri tal-lottu fuq - **www.maltco.com/lotto/results/**

# 'Trump ried jeżamina l-polz tal-poplu... u spiċċa xi ħaġa tal-passat'



## Magni li ma jaħdmux, il-mewġa ħamra li ma seħħitx u Donald Trump. Clint Flores jitkellem mal-gazzetta ILLUM...

ALBERT GAUCI CUNNINGHAM

**"Nemmen bis-sħiħ li r-riżultat ta' nhar it-Tlieta li għadda kien imxekkel mill-istqarrija ta' Donald Trump li lejlet il-vot qal li se jikkontesta l-elezzjonijiet presidenzjali li jmiss. Aktar nemmen li ried jara fejn qiegħed iħabbat il-polz tal-poplu, qabel jiddeċiedi." Hekk sostna f'kumment mal-gazzetta ILLUM l-analista politiku Clint Flores. Huwa kien qed jikkummenta dwar l-elezzjoni mid-term li saret fl-Istati Uniti, bir-riżultati u indikazzjonijiet li għadhom ħerġin.**

Flores kompla jgħid illi minkejja li Trump għamel iddikjarazzjoni tiegħu, l-ewwel riżultati juru illi dan sar xi ħaġa tal-passat u għalkemm, "ħafna jħobbuh u kien kult għal bosta, żgur mhux eleġibbli meta tqabblu ma, per eżempju Ron DeSantis, li għandu kariżma u sens umoristiku tajjeb immens li jinżel tajjeb ma' fazzjoni kbira tal-elettorat Amerikan," kompla jispjega.

Ir-riżultat sa issa huwa diżappuntanti għar-Repubblikani għax huwa ferm 'il bogħod mir-rebħa kbira li kienet qed tiġi mbassra filwaqt li huwa l-aqwa riżultat li qatt kiseb President mid-Demokratiċi f'elezzjonijiet Mid-Term. Dan huwa kuntrarju għal dak li bosta bdew jiddeskrivu bħala "mewġa ħamra" - hekk kif l-aħmar jirrappreżenta l-Partit RepubblikaN u l-blu lill-Partit Demokratiku. Hemm min qed jirraġuna li dan ma ġarax propju minħabba Trump.

### 'Mewġa ħamra minkejja data li kienet turi l-kontra'

Fuq dan il-punt Flores kien xi ftit kritiku tal-midja tradizzjonali iżda - midja li fil-maġġor parti tagħha tissimpatizza ħafna aktar mad-Demokratiċi u ftit li xejn ma' Trump. Huwa qal li l-midja kienet ilha tindika li ġejja din il-mewġa ħamra, "minkejja li l-maġġoranza tad-data dwar il-voti tindika qasma elettorali."

Flores kompla jisħaq illi analiżi indipendenti turi wkoll li r-rapporti u stejjer li ġew ippubblikati ffavorixxew ħafna aktar, lid-Demokratiċi milli lir-Repubblikani - b'85% kontra 15% f'termini ta' kopertura, jiġifieri



kemm partit jingħata spazju fuq dik l-istess midja.

Flores għalhekk qal li filwaqt illi għal ħafna nies ir-riżultat - li żgur mhuwiex "mewġa ħamra" - huwa sorprendenti, "fil-verità, għab-bażi tal-voti indipendenti, qatt ma kien hemm mewġa jew aħjar tsunami ħamra."

### 'Ir-Repubblikani xorta deheru lesti li jirbħu l-Kamra u s-Senat'

Madankollu Flores kompla jgħid li huwa tal-opinjoni li r-Repubblikani jidhru li kisbu l-maġġoranza u wrew ruħhom lesti sabiex jieħdu f'idejhom il-kontroll, kemm tal-Kamra kif ukoll tas-Senat.







Clint Flores



"Jekk jogħġobok innota li użajt il-kelma 'jidhru' u 'lesti'. Dan għaliex l-elezzjonijiet ta' nofs it-terminu saru nhar it-Tlieta u r-riżultati tagħhom għad iridu jiġu ffinalizzati u rrappurtati b'mod meqjus, u jien qed nwieġeb illum il-Ħamis," iċċara mal-ILLUM.

Huwa qal illi sal-ħin li kien qed iwieġeb għalhekk jidher li r-Repubblikani se jkollhom kontroll tal-Kamra tar-Rappreżentanti, b'maġġoranza ta' madwar 230 minn 435 siġġu.

Huwa qal li s-Senat jista' jkun ukoll illi jispiċċa b'maġġoranza tar-Repubblikani.

**'L-Istati Uniti għandha tagħti aktar attenzjoni lill-proċess elettorali, qabel tippriedka...'**

"Jekk il-Kamra u s-Senat kellhom jaqgħu f'idejn ir-Repubblikani, il-President Biden u l-Gvern tiegħu se jsibuha verament diffiċli sabiex jgħaddu kwalunkwe leġiżlazzjoni progressiva, peress li l-Kungress biss għandu l-awtorità leġislattiva," fakkar Flores, li rrimarka kif minkejja li l-Istati Uniti tipproġetta lilha nnifisha ħafna bħala ċentru ta' kif għandha taħdem id-demokrazija, ikun aħjar li ddur dawra mas-sistema elettorali.

"Nemmen, li l-iżjed nazzjon b'saħħtu fid-dinja, u dak li jsejjaħ lilu nnifsu l-pilastru tad-demokrazija, għandu jżid l-attenzjoni fuq il-proċess elettorali tiegħu qabel jippriedka fuq ta' ħaddieħor," qal Flores, li fakkar kif jiem wara l-elezzjoni l-Amerikani għadhom ma jafux min se jkollu f'idejh il-kontroll tal-Gvern tagħhom.

**Nuqqas ta' poloz u tagħmir li jmur żmerċ**

Huwa spjega mal-ILLUM għaliex ir-riżultat qed idum daqstant u fakkar ukoll li ħafna mid-dewmien ġej minn fortizzi Demokratiċi, b'mod partikolari f'Pennsylvania u Arizona.

F'Pennsylvania, li hi mmexxija minn Gvernatur u Segretarju tal-Istat - it-tnejn Demokratiċi - il-postijiet tal-votazzjoni ġewwa l-county ta' Luzerne spiċċawlhom il-poloz tal-voti, filwaqt li t-tagħmir tal-elezzjoni wkoll beda jmur żmerċ. Il-kwistjoni tant kienet waħda taħraq u prevalenti li Imħallef kellu jagħti deċiżjoni li l-postijiet tal-votazzjoni għandhom jibqgħu miftuħin sal-għaxra ta' bil-lejl.

"Tajjeb li ngħidu li dawn il-kwistjonijiet ġraw f'County fejn il-maġġoranza tal-voti huma Repubblikani. Sabiex nagħti eżempju, fis-sena 2020 meta saru l-elezzjonijiet Presidenzjali, Luzerne għażlet lil Donald Trump b'57% tal-voti," ikompli mal-ILLUM.

Huwa kompla jgħid li f'Arizona, ġewwa l-County Maricopa, l-ikbar minn 15-il County fl-Istat ta' Arizona, kien irrappurtat li madwar 20% tal-magni ta' votazzjoni tagħhom waqfu minħabba "problemi tekniċi", bil-votanti jkunu mitluba jissottomettu l-poloz tal-voti tagħhom fil-magni mingħajr ma jkunu skennjati.

"L-iżjed ħaġa interessanti dwar in-nuqqasijiet ta' Arizona hi li s-Segretarju tal-Istat - li hu l-uffiċċjal pubbliku responsabbli li jissorvelja l-proċess elettorali u jivverifika l-kandidati - hi Katie Hobbs, il-kandidat Demokratiku li kkontestat f'dawn l-istess elezzjonijiet għall-Gvernatur tal-Istat ta' Arizona."

"Fl-aħħar mill-aħħar għad irridu nistennew u naraw x'se jkun ir-riżultat aħħari, biss nafu fiċ-ċert li hemm iżjed mistoqsijiet milli tweġibiet, sakemm id-dewmien se jibqa' jippersisti, " argumenta Clint Flores.

**Midja, infrastruttura elettorali u Biden**

Għalhekk huwa qal li hemm tliet konklużjonijiet għalih minn dak li ħareġ sa issa mill-elezzjoni.

Huwa qal illi l-ewwelnett il-midja "tradizzjonali" u "mainstream" (ma qalx għal min qed jirreferi) - skont hu - qed tonqos lill-elettorat amerikan meta "ipproġettat mewġa ħamra, meta l-votazzjoni indipendenti ma indikatx dan. Dan juri nuqqas ta' preċiżjoni fir-rappurtaġġ u anke fil-veraċità tal-istħarriġ u titfa' dubji fuq ix-xjenza tal-istħarriġ fuq l-opinjoni pubblika."

It-tieni punt li semma' huma l-problemi fl-infrastruttura marbuta mal-proċess elettorali. "Bla ma trid iqajmu mistoqsijiet bla bżonn speċjalment mill-aktar pajjiż teknoloġikament avvanzat u sofistikat fid-dinja. Il-votanti Amerikani jixraqilhom l-aqwa infrastruttura."

U finalment Clint Flores itemm isemmi lill-President attwali, Joe Biden. Huwa qal li fis-sentejn li ġejjin se naraw lill-President Biden, "isir ftit aktar ineffettiv - aktar malajr - milli qed nistennew, peress li bit-telf taż-żewġt ikmamar tal-Kungress, se jitlef kwalunkwe saħħa li jgħaddi liġijiet mingħajr ma jkollu għalfejn jagħti l-kunsens lir-Repubblikani."

Huwa temm jinnota kif tħabbar li l-President Joe Biden ħabbar li għandu laqgħa uffiċjali mal-Mexxej Ċiniż Xijiinping fiċ-Ċina, dwar il-kwistjoni tat-Tajwan. "Nemmen, li se jkunu diskussi affarijiet lil'hinn mit-Tajwan u personalment nemmen ukoll li hu nuqqas li ma infurmawx lill-pubbliku qabel l-elezzjonijiet dwar diż-żjara, għax finalment laqgħat diplomatiċi ikunu ilhom jiġu diskussi. Ovvjament, ma tqumx l-għada tal-elezzjoni u tgħid irrid laqgħa uffiċjali. Nistennew, u naraw x'se jkun l-eżitu ta' dil-laqgħa. Nittama li mhux dak li qed naħseb!" temm jgħid Flores mingħajr ma kompla jelabora.